MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2000

Citazzjoni Numru. 1020/2000/1

**Alfred u Maria Stella sive Maris** konjugi **CARUANA**

**vs**

**Carmel sive Charles MANGION u lill-martu Carmen Mangion.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni prezentata fl-24 ta' Mejju, 2000, li permezz taghha, wara li l-atturi mizzewgin Caruana ppremettew:

Illi huma proprjetarji tad-dar residenza taghhom u cioe' "Fredmaris", Triq Wied il-Kappara, Gzira, li tinsab biswit u adjacenti ghall-proprjeta' u residenza originali li llum twaqqghet u li llum inbena korp iehor ta' bini gdid;

Illi l-konvenuti esegwixxew *(sic)* u qabbdu kuntrattur u haddiema sabiex jesegwixxu dan ix-xoghol ta' kostruzzjoni u bini fil-proprjeta' gdida taghhom u b'hekk u b'risultat tal- istess ikkawzaw danni fl-ammont ta' elf erba' mija u tmienja u ghoxrin lira maltin (Lm1428.00) fil-proprjeta' tal-atturi, bhalma jirrisulta mill-hawn anness certifikat tal-Perit Arkitett Michael Falzon [dok "A"];

Illi huma unikament responsabbli ghalihom il-konvenuti;

Illi minkejja li l-konvenuti gew interpellati diversi drabi mill-attur sabiex ihallsu dawn id-danni, dawn l-istess konvenuti baqghu inadempjenti u ma hallsux;

Talbu lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli tad-danni fis-somma ta’ elf erba’ mija u tmienja u ghoxrin lira maltin, kif fuq intqal; u

2. Tikkundana lill-konvenuti jhallsu lill-atturi d-danni fuq imsemmija. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra gudizzjarja tal-31 ta’ Jannar, 2000, bl-imghax kontra l-konvenuti, ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista ta’ xiehda tal-atturi, bid-dokument maghha mehmuz;

Rat in-nota ppresentata mill-konvenuti fis-26 ta’ Settembru, 2000, (a fol. 10 tal-process) li biha jikkontestaw it-talbiet attrici;

Rat it-talba tal-Avukat tal-atturi maghmula fl-udjenza tas-6 t’Ottubru, 2000, biex tigi sfilzata l-imsemmija nota tal-konvenuti;

Rat it-talba maghmula fl-istess udjenza mill-Avukat tal-konvenuti biex jiggustifikaw il-kontumacja taghhom, ma’ liema talba l-atturi ma qablux;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet;

***Ikkunsidrat:***

Illi, mis-sottomissjonijiet maghmula mill-konvenut, ir-ragunijiet li ghalihom huwa jghid li jkun xieraq u misthoqq li l-kontumacja tieghu u ta' martu tigi mnehhija huma (a) li, fil-fatt, saret notifika wahda biss tal-atti tac-citazzjoni lilhom it-tnejn; u (b) li hu ma jafx jaqra u ghalhekk ma ntebahx li kellu ghoxrin jum min-notifika lilu tac-citazzjoni biex iressaq id-difiza tieghu ghat-talbiet tal-atturi;

Illi, implicitament, it-talba tal-konvenuti hija stqarrija li r-riferta tal-att tac-citazzjoni li tinsab fuq in-naha ta' wara ta' fol. 7 u tal-avviz tas-smigh fuq fol. 9 tal-process mhix kontestata.  Fil-fatt, ir-ragunijiet migjuba mill-konvenut biex iseddaq it-talba tieghu jirreferu (a) ghal difett procedurali u (b) ghal cirkostanza personali li xxejen il-htija ghan-nuqqas tieghu li jressaq l-eccezzjonijiet fiz-zmien moghti mil-ligi.  Ta' l-ewwel issib l-gheruq taghha f'dak li jipprovdi l-artikolu 185 tal-Kap 12; tat-tieni, hija cirkostanza li tinstilet mill-provi mismugha;

Illi, <u>dwar l-ewwel pregudizzjali</u>, il-ligi procedurali tippreskrivi li **ghandha** ssir notifika lill-partijiet kollha ukoll jekk jghixu f'dar wahda.  Ghar-rigward l-artikolu 185 tal- Kap 12, li fis-sura tieghu presenti dahal fis-sehh bl-emendi tal-1995, ir-regola stabilita bis-sahha tieghu tammetti eccezzjoni biss fil-kaz li l-partijiet intitolati ghal notifika kull wiehed ikunu, permezz ta' nota, irrinunzjaw ghad-dritt ta' notifika individwali u jindikaw xi wahda minnhom biex lilha

ssirilha notifika kollettiva f'isimha u f'isem l-ohrajn [art. 186(1)]. Minn ezami tal-atti tal-kawza, ghalkemm il-purtier indika li nnotifika lil Carmel Mangion et personalment f'Hal-Lija, huwa evidenti (ara fol 1 u 7 tal-process) li fil-fatt thallset u saret biss notifika wahda tal-att tac-Citazzjoni liz-zewg konvenuti;

Illi ghalkemm din hija kwestjoni teknika, u minkejja li mill-provi mismugha hareg car li kemm il-konvenut u kif ukoll martu kienu jafu bic-citazzjoni u setghu ipprezentaw in-nota tal-eccezzjonijiet taghhom, jibqa' dejjem il-fatt li, mid-daqqa t'ghajn, jezisti nuqqas procedurali li jikser disposizzjoni tassattiva tal-ligi. Illi, huwa principju stabilit sa minn zmien twil ilu li, "….trattandosi di Leggi di Procedura che hanno per oggetto l'ordine pubblico mediante un convenzionalismo di forma, non si deve ragionevolmente ammettere altra interpretazione che la letterale, nel senso che ove la Legge per produrre certi effetti prescrive una certa forma, qesta si debba osservare alla lettera e non per equipollens…" [ara Spiteri vs Azzopardi, Kollez. Vol.: **XVIII.i.18**];

Illi, b'daqshekk, lanqas m'ghandu jitqies li ma saret l-ebda notifika lill-konvenut. Kemm hu hekk, jekk wiehed ihares lejn irriferti, isib li l-purtier irrileva li ghadda l-att tac-citazzjoni u tal-avviz tas-smigh personalment lill-konvenut. Il-konvenut innifsu jistqarr dan u l-atturi, minkejja li ghamlu attentat li jiskreditaw il-versjoni tal-konvenut, ma sehhilhomx ixejnu dan il-fatt. Ghalhekk, il-Qorti ssib li l-konvenut Carmel Mangion kien debitament notifikat skond illigi;

Illi, minhabba f'hekk, wiehed irid jezamina bil-fors it-tieni pregudizzjali mtella' mill-istess konvenut, u jigifieri li ghandu raguni tajba biex ifiehem ghaliex waqa' kontumaci;

Illi, kif gie kostantement deciz minn dawn il-Qrati, il-kontumacja m'ghandhiex titqies bhala ammissjoni: ghall-kuntrarju, dejjem tqieset bhala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fl-artikolu 158 tal-Kap 12 fl-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naha l-ohra, l-istitut tal-kontumacaja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett ghas-sejha tal-Qorti li l-ligi tikkastiga bhala element ta' disordni socjali [App. Civ Joseph Vella pro et noe vs John Vella, **21 ta' Mejju, 1993**];

Illi, min-naha l-ohra, minhabba s-sanzjoni irriversibbli li l-kontumacaja ggib maghha, il-Qrati taghna ddecidew li r-rigorosita' tal-procedura ghandha tigi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun soddisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharrka li jista' jammonta ghall-htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta' li l-kontumacja titqies gustifikata [ara PASP, Paul Vella pro. et. vs Anthony Ellul, maqtugha fl-**4 ta' Lulju, 1991**];

Illi, l-principji li jirregolaw jekk il-kontumacja hijiex bi htija jew le, gew ghadd ta' drabi imfissra u elenkati. Il-principji huma li (a) il-kontumacja mhix gustifikata jekk kienet volontarja; (b) jew jekk kienet kolpuza; (c) li jehtieg li biex tkun gustifikata tigi murija raguni gusta ghas-soddisfazzjoni tal-Qorti; (d) liema raguni gusta trid tissarraf f'impediment legittimu; (e) li tali impediment irid ikun indipendenti mir-rieda tal-persuna kontumaci; (f) li biex zball ikun

meqjus bhala impediment legittimu, irid ikun zball invincibbli; (g) minbarra dan, impediment legittimu jista' jkun dik li ssejhet *una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili*; u (h) li l-impossibilita' li l-imharrek jikkontesta t-talba jew li jidher ghas-subizzjoni trid tkun gravi u fizika, u eccezzjonalment biss wahda morali [ara, per ezempju, Appell Civili tat-**12 ta' Dicembru, 1975**, fil-kawza fl-ismijiet Paul Grixti vs Direttur tax-Xohglijiet Pubblici; u Prim'Awla (GV) tas-27 ta' Frar, 1995, fil-kawza fl-ismijiet Joseph Naudi Montaldo nomine vs Emmanuel Xuereb, u l-gurisprudenza hemm imsemmija];

Illi, minn dak li rrizulta waqt is-smigh tal-provi, il-Qorti m'hijiex konvinta li l-konvenut ikkwalifika n-nuqqas tieghu li jressaq l-eccezzjonijiet fiz-zmien b'gustifikazzjoni. Huwa jsemmi zewg cirkostanzi, u cioe' li haseb li l-karti li rcieva kienu jirrigwardaw kwestjoni ohra li kellu mal-atturi u li huwa ma jafx jaqra. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel raguni hija mxejna mis-sekwenza tal-fatti stess li rrizultaw, ghaliex il-kwestjoni li huwa haseb li kienet imsemmija fl-att tac-citazzjoni kienet giet transatta diga' bejniethom u fil-presenza tal-Avukat tal-atturi. Anzi, kien l-istess konsulent legali li, waqt li kien ghadu ghaddej it-terminu utli ghall-konvenut, fetahlu ghajnejh biex ikellem avukat tal-fiducja tieghu. Dan stqarru l-konvenut ukoll. Din kienet tkun haga bla bzonn kieku c-citazzjoni kienet tirrigwarda l-kwestjoni tal-appogg. Dwar it-tieni cirkostanza, il-Qorti tinnota li, anke kieku l-konvenut ma kienx jaf jaqra, martu taf taqra, u hu stess xehed il-karti ghaddhiehom lill-martu;

Ghar-ragunijiet imsemmija, ghalhekk, din il-Qorti qeghda taqta' dan l-incident billi:

**Tichad it-talba tal-konvenut Carmel Mangion** li jinghata l-jedd li jikkontesta l-kawza, u dan billi l-kontumacja tieghu ma kinitx gustifikata, imma minghajr pregudizzju ghall-jeddijiet moghtija lilu bis-sahha tal-artikolu 158 (10) tal-Kodici tal-Procedura Civili; u

**Tichad it-talba tal-atturi** ghat-tnehhija mill-atti tal-kawza tan-nota tal-eccezzjonijiet intavolata fis-26 ta' Settembru, 2000, f'isem iz-zewg konvenuti, billi, ghal ragunijiet ta' ekonomija ta' procedimenti u spejjez imnissla min-nuqqas tal-atturi li jinnotifikaw lill-konvenuta ukoll, tammettiha bhala n-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta.

L-ispejjez ta' dan l-episodju jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

## < Sentenza In Parte >

-------------------------------TMIEM-------------------------------